Nru. 17,531
Prezz Lm1.28c
Price Lm1.28c

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

It-Tlieta, 20 ta' Jannar, 2004
Tuesday, 20th January, 2004

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

ANNO DOMINI 2004 NRU. II ANNO DOMINI 2004 NO. II

Proklama

MILL-AĠENT PRESIDENT TA' MALTA

(L.S.)

(Iff.) GEORGE HYZLER
Aġent President

BILLI huwa pprovdut bl-artikolu 49 tal-Kostituzzjoni ta' Malta illi kull meta d-detentur tal-kariga ta' President ikun assenti minn Malta l-funzjonijiet mogħtija lilu bl-imsemmija Kostituzzjoni għandhom jiġu moqdija minn dik il-persuna li l-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni, jista' jaħtar;

U BILLI l-President huwa assenti minn Malta;

U BILLI fl-20 ta' Jannar, 2004, il-Prim Ministru ħatarni Aġent President għal matul iż-żmien li fih il-President ikun assenti minn Malta;

U BILLI jiena ħadt u ffirmajt kif imiss il-ġurament tal-kariga kif preskritt bl-artikolu 50 ta' l-imsemmija Kostituzzjoni;

ISSA, GĦALHEKK, JIENA, GEORGE HYZLER, K.O.M., TABIB, qiegħed hawnhekk navża u nipproklama li assumejt illum skond l-imsemmija Kostituzzjoni l-funzjonijiet ta' President ta' Malta.

Magħmula fil-Palazz, Valletta, illum, 20 ta' Jannar, 2004.

B'Awtorità.

(Iff.) EDDIE FENECH ADAMI
Prim Ministru

Proclamation

BY THE ACTING PRESIDENT OF MALTA

(L.S.)

(Sd.) GEORGE HYZLER
Acting President

WHEREAS it is provided by section 49 of the Constitution of Malta that whenever the holder of the office of President is absent from Malta the functions conferred upon him by the said Constitution shall be performed by such person as the Prime Minister, after consultation with the Leader of the Opposition, may appoint;

AND WHEREAS the President is absent from Malta;

AND WHEREAS on the 20th day of January, 2004, the Prime Minister appointed me Acting President for such time as the President is absent from Malta;

AND WHEREAS I have duly taken and subscribed the oath of office as prescribed by section 50 of the said Constitution;

NOW, THEREFORE, I, GEORGE HYZLER, K.O.M., DOCTOR OF MEDICINE, do hereby notify and proclaim that I have this day under the said Constitution assumed the functions of President of Malta.

Made at the Palace, Valletta, this 20th day of January, 2004.

By Authority.

(Sd.) EDDIE FENECH ADAMI
Prime Minister

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 45

AVVIŻI LEGALI PPUBBLIKATI FIS-SUPPLIMENT MAL-GAZZETTA TAL-GVERN

NGĦARRFU għall-informazzjoni ta' kulħadd illi l-Avviżi Legali li ġejjin ġew ippubblikati fis-Suppliment mal-Gazzetta tal-Gvern Nri. 17,529 u 17,530 tat-13 u s-16 ta' Jannar, 2004, rispettivament.

A.L. Nru. 13 ta' l-2004: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta (Kap. 332); Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Regolarizzazzjoni ta' Arretrati dwar Liċenzi ta' Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 14 ta' l-2004: Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar Liċenzi għas-Sewqan ta' Vetturi bil-Mutur.

A.L. Nru. 15 ta' l-2004: Att biex Jirregola t-Telekomunikazzjoni (Kap. 399); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar *Data* Personali u Protezzjoni tal-Privatezza.

A.L. Nru. 16 ta' l-2004: Att dwar il-Patrimonju Kulturali (Kap. 445), Att dwar Mużewijiet u Monumenti Nazzjonali (Biljetti ta' Dħul Komplessivi) (Kap. 298); Regolamenti ta' l-2004 dwar id-Drittijiet tad-Dħul fil-Mużewijiet, Siti u Kollezzjonijiet.

A.L. Nru. 17 ta' l-2004: Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169); Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet).

A.L. Nru. 18 ta' l-2004: Ordinanza dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Kap. 169); Ordni ta' l-2004 dwar il-Kummissarju ta' l-Artijiet (Trasferiment ta' Drittijiet u Responsabbiltajiet) (Nru. 2).

A.L. Nru. 19 ta' l-2004: Att ta' l-2003 biex Jemenda Diversi Liġijiet (Att Nru. IX ta' l-2003); Avviż ta' bidu fis-seħħ tat-Taqsima XI.

A.L. Nru. 20 ta' l-2004: Att dwar il-Forzi Armati ta' Malta (Kap. 220); Regolamenti ta' l-2004 li jemendaw ir-Regolamenti dwar in-Nomini u l-Kondizzjonijiet tas-Servizz tal-Forza ta' Emerġenza ta' Riżerva ta' Voluntieri.

A.L. Nru. 21 ta' l-2004: Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi (Att Nru. XXV ta' l-2000); Avviż ta' bidu fis-seħħ tar-Regolamenti ta' l-2003 dwar l-Elettriku.

L-20 ta' Jannar, 2004

GOVERNMENT NOTICES

No. 45

LEGAL NOTICES PUBLISHED IN THE SUPPLEMENT TO THE GOVERNMENT GAZETTE

IT is notified for general information that the following Legal Notices were published in the Supplement to the Government Gazette Nos. 17,529 and 17,530 of the 13th and 16th the January, 2004, respectively.

L.N. No. 13 of 2004: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Malta Transport Authority Act (Cap. 332); Arrears of Motor Vehicle Licences (Regularisation) Regulations, 2004.

L.N. No. 14 of 2004: Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65); Motor Vehicles (Driving Licences) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 15 of 2004: Telecommunications (Regulation) Act (Cap. 399); Notice of coming into force of the Telecommunications (Personal Data and Protection of Privacy) Regulations, 2004.

L.N. No. 16 of 2004: Cultural Heritage Act (Cap. 445), National Museums and Monuments (Comprehensive Admission Tickets) Act (Cap. 298); National Museums, Sites and Collections Regulations, 2004.

L.N. No. 17 of 2004: Commissioner of Land Ordinance (Cap. 169); Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) Order, 2004.

L.N. No. 18 of 2004: Commissioner of Land Ordinance (Cap. 169); Commissioner of Land (Transfer of Rights and Liabilities) (No. 2) Order, 2004.

L.N. No. 19 of 2004: Various Laws (Amendment) Act, 2003 (Act No. IX of 2003); Notice of coming into force of Part XI.

L.N. No. 20 of 2004: Malta Armed Forces Act (Cap. 220); Emergency Volunteer Reserve Force (Appointments and Conditions of Service) (Amendment) Regulations, 2004.

L.N. No. 21 of 2004: Malta Resources Authority act, 2000 (Act No. XXV of 2000); Commencement Notice of the Electricity Regulations, 2003.

20th January, 2004

Nru. 46

ĦATRA TA' DIRETTUR ĠENERALI (KUMMERĊ) FIT-TAQSIMA TAL-KUMMERĊ FIL-MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI U FUNZJONIJIET TA' DIRETTUR TA' L-INDUSTRIJA, KONTROLLUR TAL-PROPRJETÀ INDUSTRIJALI U DIRETTUR TAL-KUMMERĊ

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lis-Sur Godwin Warr, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.Sc. (London), bħala Direttur Ġenerali (Kummerċ) fit-Taqsima tal-Kummerċ fil-Ministeru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi b'seħħ mis-16 ta' Diċembru 2003.

Is-Sur Godwin Warr, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.Sc. (London), assuma wkoll il-funzjonijiet ta' Direttur ta' l-Industrija, Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali u Direttur tal-Kummerċ b'seħħ mill-31 ta' Diċembru, 2003.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 46

APPOINTMENT OF DIRECTOR GENERAL (COMMERCE) IN THE COMMERCE DIVISION WITHIN THE MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS AND FUNCTIONS OF DIRECTOR OF INDUSTRY, COMPTROLLER OF INDUSTRIAL PROPERTY AND DIRECTOR OF TRADE

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Mr Godwin Warr, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.Sc. (London), as Director General (Commerce) in the Commerce Division within the Ministry of Finance and Economic Affairs with effect from 16th December 2003.

Mr Godwin Warr, B.A. (Hons.) Bus. Mngt., M.Sc. (London), has assumed the functions of Director of Industry, Comptroller of Industrial Property and Director of Trade with effect from 31st December, 2003.

20th January, 2004

Nru. 47

ĦATRA TA' DIRETTUR (KO-ORDINAZZJONI LEGALI U INTERNAZZJONALI) FIT-TAQSIMA TA' L-IKEL U ATTIVITÀ VETERINARJA FIL-MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET RURALI U L-AMBJENT

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artiklu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott. Mireille Vella, DVM, M.Sc., Ph.D. (Reading), bħala Direttur (Ko-ordinazzjoni Legali u Internazzjonali) fit-Taqsima ta' l-Ikel u Attività Veterinarja fil-Ministeru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent b'seħħ mis-16 ta' Diċembru 2003.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 47

APPOINTMENT OF DIRECTOR (INTERNATIONAL AND LEGAL CO-ORDINATION) IN THE FOOD AND VETERINARY REGULATION DIVISION WITHIN THE MINISTRY FOR RURAL AFFAIRS AND THE ENVIRONMENT

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Mireille Vella, DVM, M.Sc., Ph.D. (Reading), as Director (International and Legal Co-ordination) in the Food and Veterinary Regulation Division within the Ministry for Rural Affairs and the Environment with effect from 16th December 2003.

20th January, 2004

Nru. 48

ĦATRA TA' DIRETTUR ĠENERALI (EDUKAZZJONI) FIT-TAQSIMA TA' L-EDUKAZZJONI FIL-MINISTERU TA' L-EDUKAZZJONI U FUNZJONIJIET TA' DIRETTUR TA' L-EDUKAZZJONI

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 92 (4) tal-Kostituzzjoni ta' Malta, il-Prim Ministru, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, ħatar lil Dott Cecila Borg, B.A., D.E.A., D. es Ling (Toulouse), bħala Direttur Ġenerali (Edukazzjoni) fit-Taqsima ta' l-Edukazzjoni fil-Ministeru ta' l-Edukazzjoni b'seħħ mis-16 ta' Diċembru, 2003.

Dott. Cecilia Borg, B.A., D.E.A., D. es Ling (Toulouse), assumiet ukoll il-funzjonijiet ta' Direttur ta' l-Edukazzjoni b'seħħ mit-2 ta' Jannar, 2004.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 48

APPOINTMENT OF DIRECTOR GENERAL (EDUCATION) IN THE EDUATION DIVISION WITHIN THE MINISTRY OF EDUCATION AND FUNCTIONS OF DIRECTOR OF EDUCATION

IN exercise of the powers vested in him by section 92 (4) of the Constitution of Malta, the Prime Minister, after consultation with the Public Service Commission, has appointed Dr Cecilia Borg, B.A., D.E.A., D. es Ling (Toulouse), as Director General (Education) in the Education Division within the Ministry of Education with effect from 16th December, 2003.

Dr Cecilia Borg, B.A., D.E.A., D. es Ling (Toulouse), has assumed the functions of Director of Education with effect from 2nd January, 2004.

20th January, 2004

Nru. 49

ATT DWAR IS-SIGURTÀ SOĊJALI (KAP. 318)

Ħatra tal-Kumitat għal *Welfare*

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 130 ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali (Kap. 318), u għall-finijiet ta' dak l-Att, il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali approva illi l-Kumitat għal *Welfare*, ikun kostitwit kif ġej għal perijodu ta' sena, b'seħħ mill-1 ta' Jannar, 2004:-

Chairperson
Is-Sur Joseph Ebejer

Viċi Chairperson
Is-Sur Louis A. Cuschieri

Membri
L-Onor. Fredrick Azzopardi, M.P.
Is-Sur Michael Bezzina, B.A., B.Sc. (Hons.), M.Sc.
Dott. Miriam Camilleri, M.D., M.Sc.
L-Onor. Marie Louise Coleiro, M.P.
Dott. Ronald Fiorentino, M.D., Dip.Ger., Cmang.
Ms Carmen Galea, D.P.A.
Ms Marie Louise Scerri, D.A.S.S., Dip.Ger., M.Ger.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 49

SOCIAL SECURITY ACT (CAP. 318)

Appointment of Welfare Committee

IN exercise of the powers conferred by section 130 of the Social Security Act (Cap. 318), and for the purpose of that Act, the Deputy Prime Minister and Minister for Social Policy has approved that the Welfare Committee shall be constituted as follows for a period of one year, with effect from the 1st January, 2004:-

Chairperson
Mr Joseph Ebejer

Deputy Chairperson
Mr Louis A. Cuschieri

Members
Hon. Fredrick Azzopardi, M.P.
Mr Michael Bezzina, B.A., B.Sc. (Hons.), M.Sc.
Dr Miriam Camilleri, M.D., M.Sc.
Hon. Marie Louise Coleiro, M.P.
Dr Ronald Fiorentino, M.D., Dip.Ger., Cmang.
Ms Carmen Galea, D.P.A.
Ms Marie Louise Scerri, D.A.S.S., Dip.Ger., M.Ger.

20th January, 2004

Nru. 50

MINISTERU TAL-FINANZI U L-AFFARIJIET EKONOMIĊI

Liċenzja għall-Lotterija Nazzjonali

B'DAN l-avviż il-Ministru tal-Finanzi u l-Affarijiet Ekonomiċi jgħarraf għall-informazzjoni ta' kulħadd li skond l-artikolu 29(2) ta' l-Att dwar il-Lotteriji u Logħob Ieħor (Att XXIV ta' l-2001), l-ewwel liċenzja għall-Lotterija Nazzjonali wara d-dħul fis- seħħ tat-Taqsima VI ta' l-imsemmi Att hija maħsuba li tingħata lil Maltco Lotteries Limited ta' 171, Triq l-Ifran, Valletta u reġistrata fid-29 ta' Ottubru, 2003 (C32326). Kull min hu nterressat jista jagħmel l-ilmenti tiegħu fejn joġġezzjona għall-ħruġ ta' din il-liċenzja lil Maltco Lotteries Limited. Oġġezzjoni ta' dan it-tip, skond l-artikolu 29(3) ta' l-imsemmi Att, trid tkun bil-miktub, indirizzata lill-Ministru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, għandu jkun fiha ġustifikazzjoni raġonevoli u trid tiġi riċevuta għand l-imsemmi Ministru, fil-Ministeru tal-Finanzi u Affarijiet Ekonomiċi, Auberge d'Aragon, Pjazza Indipendenza, Valletta mhux aktar tard minn wieħed u għoxrin ġurnata mid-data ta' dan l-avviż.

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 50

MINISTRY OF FINANCE AND ECONOMIC AFFAIRS

National Lottery Licence

THE Minister of Finance and Economic Affairs hereby gives notice, in terms of article 29(2) of the Lotteries and Other Games Act (Act XXIV of 2001), that the first National Lottery licence after the entry into force of Part VI of the said Act is intended to be issued to Maltco Lotteries Limited whose registered office is situated at 171, Old Bakery Street, Valletta and which was registered on the 29th October, 2003 (C32326). Any interested party may make representations objecting to the issue of such licence to the said Maltco Lotteries Limited. Any such objection must, in terms of article 29(3) of the said Act, be in writing and addressed to the Minister of Finance and Economic Affairs and must be accompanied by a reasoned justification therefor and is to be received by the said Minister at the Ministry of Finance and Economic Affairs, Auberge d'Aragon, Independence Square, Valletta, by not later than twenty-one days from the date of this notice.

20th January, 2004

Nru. 51

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTIĠJANAT

Laqgħat Ġenerali Annwali għall-Artiġjani u l-Imprendituri Reġistrati mal-Kunsill

SKOND id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 22 ta' l-Iskeda li tinsab ma' l-Att ta' l-2000 dwar il-Kunsill Malti għall-Artiġjanat (Kap. 421), is-Segretarju jixtieq jgħarraf li sejrin isiru laqgħat ġenerali annwali għall-Artiġjani u għall-Imprendituri reġistrati mal-Kunsill kif jidher hawn taħt:

a) Għall-Artiġjani:

Nhar l-Erbgħa, it-28 ta' Jannar 2004 fis-7.30 p.m. fir-*Round Theatre* fil-Kavallier ta' San Ġakbu Ċentru għall-Kreattività, il-Belt, Valletta;

a) Għall-Imprendituri:

Nhar il-Ħamis, id-29 ta' Jannar 2004 fis-7.30 p.m. fir-*Round Theatre* fil-Kavallier ta' San Ġakbu Ċentru għall-Kreattività, il-Belt, Valletta;

L-20 ta' Jannar, 2004

No. 51

MALTA CRAFTS COUNCIL

Annual General Meetings for Craftsmen and Entrepreneurs Registered with the Council

IN terms of the provisions of paragraph 22 of the Schedule of the Malta Crafts Council Act, 2000 (Cap. 421), the Secretary notifies that the annual general meetings for Craftsmen and Entrepreneurs registed with the Council are to take place as follows:

a) For Craftsmen:

On Wednesday, 28th January 2004 at 7.30 p.m. in the Round Theatre at St. James Cavalier Centre for Creativity, Valletta;

b) For Entrepreneurs:

On Thursday, 29th January 2004 at 7.30 p.m. in the Round Theatre at St. James Cavalier Centre for Creativity, Valletta.

20th January, 2004

Nru. 52

ATT DWAR IL-LIĊENZI TAL-KUMMERĊ (KAP. 441)

Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002

SKOND id-dispożizzjonijiet tar-regolament 8 tar-Regolamenti dwar il-Liċenzi tal-Kummerċ 2002, is-Sezzjoni għal Liċenzar tal-Kummerċ qiegħda hawnhekk tippubblika avviżi ta' l-applikazzjonijiet li ġejjin:

No. 52

TRADING LICENCES ACT (CAP. 441)

Trading Licences Regulations 2002

IN terms of the provisions of regulation 8 of the Trading Licences Regulations 2002, the Trade Licensing Unit is hereby publishing a notice of the following applications:

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 414	Veronica Gauci	The Complete Home Centre Ground Floor/Basement Level in Triq id-Difiża Ċivili Tarġa Gap Mosta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.44 52.45 52.46 52.48.5 52.48.6	14.01.04
CD/3209/2003 Pt 418	Doreen Dimech	Pace Associates Ltd. 134, Triq Stiefnu Zerafa Marsa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.47 52.48.13	14.01.04
CD/3209/2003 Pt 466	Christopher Piscopo	Salumeria St. John The Baptist Triq Jean De La Vallette San Pawl il-Baħar	Kategorija I - Proċessar, manifattura u bejgħ ta' prodotti ta' ikel u xorb *Category I - Processing, manufacturing and sale of food products and beverages*	52.22	14.01.04
CD/3209/2003 Pt 467	Christian Bajada	Dragons Martial Arts Centre Triq Ġwann Mamo c/w Triq il-Maħżnier Luqa	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.42 52.48.13	14.01.04
CD/3209/2003 Pt 473	Hamadi Haddar	Hamadi Barber 7, Triq il-Mitħna l-Ġdida Mellieħa	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.021	14.01.04

Nru. tar-riferenza *Reference No.*	Isem ta' l-applikant *Name of Applicant*	Indirizz tal-post kummerċjali *Address of the commercial premises*	Attività kummerċjali *Commercial activity*	Kodiċi tal-Klassi *Type Code*	Data *Date*
CD/3209/2003 Pt 557	Christopher Grech	Street Craft, Unit A14, Level 'O' Bay Street Tourist Complex St. George's Bay San Ġiljan	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	52.48.7 52.48.13	14.01.04
CD/3209/2004 Pt 1	Michael Mizzi	Best Deal Cars Triq Ħad-Dingli Rabat Malta	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.1	14.01.04
CD/3209/2004 Pt 2	Nicholas Xuereb	Dowty O Rings HF 72(b) Qasam Industrijali Ħal-Far	Kategorija II - Attivitajiet tal-manifattura *Category II - Manufacturing activities*	25	14.01.04
CD/3209/2004 Pt 6	Francis Mangion	97, Triq Carlo Manche Gżira	Kategorija VI - Servizzi soċjali u personali *Category VI - Social and personal services*	93.022 52.33	14.01.04
CD/3209/2003 Pt 509	Brian Abdilla	Brian Car Accessories Triq Zaren Dalli Birżebbugia	Kategorija III - Bejgħ bl-ingrossa u bl-imnut *Category III - Wholesale and retail trade*	50.3	16.01.04

Kull persuna li għandha interess, tista' tagħmel oġġezzjonijiet jew ilmenti kontra l-għoti ta' liċenza fuq kwistjonijiet ta' kummerċ biss. Kull oġġezzjoni jew ilment għandu jingħata bil-miktub lis-Sezzjoni Liċenzi tal-Kummerċ, Direttorat għas-Servizzi tal-Kummerċ, Diviżjoni għall-Kummerċ, Lascaris, Valletta, fi żmien għaxart ijiem mid-data li tidher hawn taħt.

Any person showing an interest may file an objection or make representations against the grant of this licence only on trade issues. Such objections or representation may be filed in writing at the Trading Licences Unit, Trade Services Directorate, Commerce Division, Lascaris, Valletta, within ten days from the date shown below.

L-20 ta' Jannar, 2004

20th January, 2004

Nru. 53

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 53

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza bħala Gwardjani Privati
Application for licence of a Private Guard

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Alfred Farrugia	102062 (M)	23, "Orchidea", Triq il-Ħlewwa, Żebbuġ
Joseph Schembri	395460 (M)	17, Triq Tad-Dawl, Żebbuġ
Michael Moore	16073 (A)	1, "Sunrise", Triq il-Ħajja Ewlenija, Birżebbuġa
Melaine Pace	378885 (M)	"Victor", Flat 3, Triq il-Palma, Paola
Joseph Fenech	143374 (M)	"Jostra", Triq Bettina, Gudja
Wayne Bonnici	80080 (M)	"Houston", Triq Nigel Dennis, Marsascala
Josephine Vella	352567 (M)	13, "Josim", Triq ix-Xriek, Mqabba
Robert Abdilla	476484 (M)	16, "Belleview", Triq Ta' l-Iblieq, Kirkop
Marvic Chircop	590285 (M)	134, "Maria Dolores", Triq San Pawl, Żurrieq
Johann Farrugia	115385 (M)	"Sunrise", Plot 20, Triq l-Aragoniżi, Qrendi
Silvan Desira	383882 (M)	42, Triq il-Ġiebja Rumana, Żejtun

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarja tagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubbliku; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

L-20 ta' Jannar, 2004

(iii) has been discharged from the police or armed forcesor the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

20th January, 2004

KUMMISJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Ingaġġ fuq Kuntratt fil-Pożizzjoni ta' *Co-Ordinator (Corporate Information Systems)* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Co-Ordinator (Corporate Information Systems)* fl-*Information Management Unit (IMU)* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali.

2.1 Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'kuntratt definit ta' tliet snin bħala *Co-Ordinator (Corporate Information Systems)* fl-*Information Management Unit* fil-Ministeru għall-Politika Soċjali, liema kuntratt jista' jiġġedded għal perijodi oħra ta' tliet snin fuq bażi ta' servizz sodisfaċ enti u riżultati pożittivi. F'każ ta' riżultat mhux sodisfaċenti bħala *Co-Ordinator (Corporate Information Systems)* matul il-perijodu tal-kuntratt, il-kuntratt jintemm.

2.2 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perijodu tal-kuntratt u terġa' lura għal dan il-grad sustantiv meta l-kuntratt jintemm. Fil-każ li l-persuna magħżula ma tkunx Uffiċjal Pubbliku, is-servizz tagħha mal-Ministeru għall-Politika Soċjali kif ukoll mal-Gvern jintemm f'każ li l-kuntratt ma jiġix imġedded jew jintemm.

2.3 Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, u matul il-perijodu tal-kuntratt tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn skala 5, hija tkun meħtieġa li tirrinunzja d-doveri ta' *Co-Ordinator (Corporate Information Systems) (IMU)* u li tkun trasferita għad-doveri relatati mal-grad il-ġdid tagħha.

3.1 Is-salarju għal din il-pożizzjoni ikun ekwivalenti għall-massimu tas-salarju fi skala 5 tas-Servizz Pubbliku (li fl-2004 hu Lm9,080). Il-persuna maħtura tkun intitolata għal

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Engagement on Contract in the Position of Co-ordinator (Corporate Information Systems) in the Information Management Unit at the Ministry for Social Policy

The Public Service Commission invites applications for the position of Co-ordinator (Corporate Information Systems) in the Information Management Unit (IMU) at the Ministry for Social Policy.

2.1 The selected candidate will be expected to enter into a three-year contract as Co-ordinator (Corporate Information Systems) in the Information Management Unit at the Ministry for Social Policy which may be renewed thereafter for periods of three years subject to satisfactory performance and positive results. Unsatisfactory performance as Co-ordinator (Corporate Information Systems) during the contract period will lead to termination of the contract.

2.2 If the selected candidate is a Public Officer, he/she will retain his/her substantive grade during the contractual period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the contract. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer, his/her service with the Ministry for Social Policy as well as with Government will be terminated in the event that his/her contract is not renewed or is terminated.

2.3 If the selected candidate is a Public Officer, and is, during the contract period, appointed to a grade with a salary scale higher than Scale 5, he/she will be required to relinquish his/her duties of Co-ordinator (Corporate Information Systems) (IMU) and to be transferred to duties pertinent to his/her new grade.

3.1 The salary attached to the position of Co-ordinator (Corporate Information Systems) (IMU) is equivalent to the maximum of Salary Scale 5 (which in 2004 is Lm9,080 per

performance bonus sa massimu ta' 10% tas-salarju tagħha soġġett għal qadi tajjeb tad-dmirijiet. F'każ li l-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku, id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tagħha u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*.

3.2 Jista jiġi kkunsidarat il-ħlas ta' *market correctivity allowance* li tiddependi mill-kwalifiki u t-*track record* tal-persuna magħżula. Il-massimu tal-*market correctivity allowance* huwa ta' Lm4,200 fis-sena bil-massimu jitħallas biss fil-każ il-persuna magħżula ikollha attribwiti eċċezzjonali.

4. Id-dmirijiet prinċipali li għandhom x'jaqsmu ma' dan il-post huma:-

a) Tikkonsulta mal-*management* biex tanaliżża l-ħtiġijiet tas-sistemi tal-kompjuter għall-immaniġjar ta' l-informazzjoni u l-operat funzjonali, biex tiddetermina l-iskopijiet u l-prijoritajiet ta' proġetti, u biex tiddiskuti dwar l-akkwist ta' apparat u l-kapaċitajiet tas-sistemi;

b) Tirrakommanda u tiżviluppa pjanijiet għall-iżvilupp ta' sistemi u l-operat tagħhom, ix-xiri ta' apparat u ta' *software,* u l-livelli meħtieġa u t-tmexxija tan-nies;

ċ) Timmaniġja l-iżvilupp, l-implimentazzjoni, l-istallazzjoni u l-operat tas-sistemi ta' informazzjoni fi ħdan il-Ministeru;

d) Tiżviluppa, timplimenta u tissorvelja l-*policies* u kontrolli dwar sistemi ta' informazzjoni sabiex tiġi żgurata l-eżattezza ta' l-informazzjoni, s-sigurtà u l-infurzar tal-liġi u r-regolamenti dwar l-informazzjoni;

e) Tinnegozja ma' konsulenti, persuni tekniċi u ażjendi li jipprovdu prodotti jew servizzi;

f) Tipprovdi appoġġ lil min iħaddem is-sistemi ta' informazzjoni fil-għażla, ix-xiri, l-użu u l-manutenzjoni ta' *software* u apparat;

g) Timmaniġja t-tqassim ta' l-operat tas-sistemi, *backup, storage* u *retrieval;*

h) Tiġġenera rapporti skond kif meħtieġ u tgħin fit-taħriġ tas-*Systems Administrators* u l-impjiegati li jużaw is-sistemi;

i) Tiżviluppa, tħaddem u tittestja pjanijiet dwar *disaster recovery*.

5.1 L-applikanti għandhom:-

(a) Ikunu ċittadini ta' Malta;

(b) Ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li huma diġa mpjegati fis-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw il-formola *GP 47 - Service and Leave Record*, applikanti oħra għandhom jippreżentaw Ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija sa mhux aktar minn sitt xhur qabel id-data ta' din is-sejħa ta' dawn l-applikazzjonijiet, kif ukoll jgħidu qatt kienux impjegati tal-Gvern u jagħtu dettalji);

annum). The selected candidate will be entitled to a performance bonus up to a maximum of 10% of his/her salary subject to positive performance. In the case that the selected applicant is a public officer, the difference between the salary to which the selected officer is entitled by virtue of his/her substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance.

3.2 The payment of a market correctivity allowance may be considered depending on the qualifications and the track record of the selected candidate. The maximum market correctivity allowance payable will be Lm4,200 per annum with the maximum being paid only if the selected candidate possesses exceptional attributes.

4. The main duties related to this position are the following:-

a) Consulting with management to analyse computer systems needs for management information and functional operations, to determine scope and priorities of projects, and to discuss system capacity and equipment acquisitions;

b) Recommending and developing plans for systems development and operations, hardware and software purchases, and staffing levels;

c) Managing the development, implementation, installation, and operation of information and functional systems within the Ministry;

d) Developing, implementing, and monitoring management information systems policies and controls to ensure data accuracy, security, and legal and regulatory compliance;

e) Negotiating with consultants, technical personnel, and vendors for the provision of services and products;

f) Providing support to end users in the selection, procurement, usage, and maintenance of software programs and hardware;

g) Managing computer operation scheduling, backup, storage, and retrieval functions;

h) Generating management reports as needed and assisting in the training of systems administrators and end-users;

i) Developing, maintaining, and testing disaster recovery plans.

5.1 Applicants must:

(a) Be citizens of Malta;

(b) Be of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47). Those applying from outside must produce a Police Certificate of Conduct issued not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have been in Government service, giving details);

(ċ) Ikollhom mill-anqas lawrja fil-*Computing, Information Systems* jew *Information Management* jew f'suġġett relatat; u minimu ta' sentejn esperjenza ppruvata f'ambjent ta' teknoloġija u sistemi ta' informazzjoni;

JEW

Minimu ta' ħames snin esperjenza ppruvata fl-immaniġjar ta' sistema kbira ta' l-informatika.

5.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li jkollhom:-

i) Konoxxenza ta' *UNIX* u preferibbilment pjattaformi bħal *Microsoft NT, Microsoft IIS (Internet Information Server), Microsoft .NET, SQL Server* u *Linux;*
ii) Konoxxenza ta' *database tools,* partikolarment *Informix;*
iii) Familjarità ma' servizzi ta' ħarsien soċjali.

6. Il-persuna magħżula tista' tkun meħtieġa li tattendi għal taħriġ f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

7. L-ingaġġ ikun ibbażat fuq ġimgħa ta' 40 siegħa xogħol. Il-persuna magħżula tkun mistennija li, skond l-esiġenzi tax-xogħol, taħdem numru itwal ta' siegħat u barra l-ħinijiet normali tax-xogħol.

8. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti (fotokopji jridu jintbgħatu ma l-applikazzjoni, dokumenti oriġinali għandhom jintwerew waqt l-intervista).

9. Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun addattat għal din il-pożizzjoni.

10. Il-persuna magħżula jkollha toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija addattata għal din il-pożizzjoni.

11. Il-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites:*-
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
jew jinkisbu mit-Taqsima ta' l-Impjegati, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *Curriculum Vitae* li juri l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mid-Direttur Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Politika Soċjali, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, it-13 ta' Frar, 2004.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew messaġġ simili ieħor sad-data ta' l-għeluq jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant trid

(c) Be in possession of at least a graduate qualification in Computing, Information Systems, Information Management or related subject; and have a minimum of two years proven work-experience in an IT/IS environment;

OR

Possess a minimum of five years proven work-experience in the management of a large scale Information Systems.

5.2 Due consideration will be given to candidates who have:

i) Knowledge of UNIX and preferably Microsoft NT, Microsoft IIS (Internet Information Server), Microsoft .NET, SQL Server, and Linux platforms;
ii) Knowledge of database tools, particularly Informix;

iii) A good understanding of social welfare services.

6. The selected applicant may be required to undertake training both in Malta and abroad.

7. The candidate will generally be expected to work on a 40-hour week basis, although exigencies of the position may require working additional or irregular hours.

8. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials (photocopies to be included with applications, originals should be presented for verification at the interview).

9. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

10. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the position.

11. Applications may be downloaded from the following websites:-
http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/default.asp
http://www.mpo.gov.mt/resourcing/downloads.htm
or obtained from the Personnel Section, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. Applications, together with a detailed curriculum vitae showing qualifications and experience will be received in the first instance by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than noon of Friday, 13th February, 2004.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by the closing date may be considered provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the

tasal għand id-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data ta' l-għeluq ta' l-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Direttur Servizzi Korporattivi fil-Ministeru għall-Politika Soċjali hu (00356)-25903111.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tad-Direttur Servizzi Korporattivi.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data ta' l-għeluq. Id-Direttur Servizzi Korporattivi jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

L-20 ta' Jannar, 2004

Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, Palazzo Ferreria, Triq ir-Repubblika, Valletta, by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Ministry is (00356) 25903111.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Director Corporate Services, Ministry for Social Policy, within seven (7) days.

20th January, 2004

UFFIĊĊJU NAZZJONALI TA' L-ISTATISTIKÀ

Ċensiment fuq it-Trobbija tan-Naħal

L-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistikà qed iniedi Ċensiment fuq it-trobbija tan-naħal fil-Gżejjer Maltin. L-Istatistikà li se tinġabar fuq il-produzzjoni ta' l-għasel u prodotti relatati se tkopri l-perjodu mill-1 ta' Settembru, 2002 sat-30 ta' Awissu, 2003.

Dawk il-persuni kollha li huma mdaħħla fit-trobbija tan-naħal għandhom jirċievu ittra flimkien ma' kwestjonarju fil-ġranet li ġejjin. Il-kwestjonarju għandu jimtela u jiġi mibgħut lill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika sa għaxart ijiem mid-data tal-posta. Dan għandu jservi ta' avviż għal dawk il-persuni li huma nvoluti b'xi mod fit-trobbija tan-naħal u li, għal xi raġuni jew oħra, ma jirċevux l-ittra u l-kwestjonarju mill-istess Uffiċċju. Dawn għandhom iċemplu fuq in-numri tat-telefon 25 997 529 jew 21 224 675 sabiex jingħataw id-direzzjoni.

Kopja tal-kwestjonarju tinstab fuq il-*website* ta' l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika li huwa: http://www.nso.gov.mt/questionnaires/agriculture/questionnaire_agriculture.htm. L-Uffiċċju qed jipprovdi l-faċilità li l-kwestjonarju mimli, jista jiġi mibgħut permezz ta' l-*e-mail* lil: agric.nso@gov.mt.

L-informazzjoni mibgħuta se tiġi wżata biss għal skopijiet ta' statistika. Din ma tistax tingħata lil xi parti oħra barra mill-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika. Il-kunfidenzjalità tiġi osservata b'mod strett.

Dan iċ-Ċensiment qed jiġi mniedi skond l-Att ta' l-2000 dwar l-Awtorità ta' l-Istatistika ta' Malta. Għaldaqstant, il-persuni mdaħħla f'xi attività li għandha x'taqsam mat-trobbija tan-naħal huma obbligati bil-liġi li jipprovdu l-informazzjoni li hemm bżonn għas-skopijiet taċ-Ċensiment.

L-20 ta' Jannar, 2004

NATIONAL STATISTICS OFFICE

Census on Bees and Honey Production

The National Statistics Office will be launching a Census on Apiculture in the Maltese Islands. The information collected on honey production and related products will cover the period from 1st September, 2002 to 30th August, 2003.

All those involved in apiculture activities will be receiving a notice together with a questionnaire within the next few days and should return it duly filled in within 10 days from the postmark date. This announcement should serve as a notice to those persons who are involved in apiculture activities and who, for some reason or another, do not receive the NSO notice. These should contact the National Statistics Office on telephone numbers 25 997 529 or 21 224 675 for guidance.

A copy of the questionnaire may be found on the NSO website: http://www.nso.gov.mt/questionnaires/agriculture/questionnaire_agriculture.htm. The questionnaire may be returned by e-mail on address: agric.nso@gov.mt.

The information submitted will be used for statistical purposes only and will NOT be given to any institution or organisation outside the National Statistics Office. Statistical confidentiality is strictly observed.

The Census is being carried out in accordance with the provisions of the Malta Statistics Authority Act 2000. In view of this, all those involved in apiculture activities are obliged by law to provide the information being collected through the Census.

20th January, 2004

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa ta' l-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, it-22 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 310/2003. Provvista ta' *Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS)* - Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali. Irid jitħallas dritt ta' Lm20 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

CT 330/2003. Provvista ta' *combat suits camouflage* – Forzi Armati ta' Malta.

CT 331/2003. Provvista ta' *military footwear* – Forzi Armati ta' Malta.

CT 332/2003. Xogħlijiet ta' l-elettriku u ta' l-inġinerija mekkanika u servizzi fil-Chemistry Building Extension – Università ta' Malta. Irid jitħallas dritt ta' Lm50 għal kull kopja ta' dokument ta' l-offerta.

Sa l-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-27 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 300/2003. Provvista ta' tagħmir għall-*Monitoring* għad-Dipartiment tas-Saħħa tal-Pjanti, Ministeru għall-Affarijiet Rurali u ta' l-Ambjent. Proġett ta' l-*E.U.* - Ref: B7-040 MT2002 *National Pre-Accession Programme 2002 for Malta*.

Sa l-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, id-29 ta' Jannar, 2004, għal:

CT 335/2003. Provvista ta' pilloli *mesalazine 400mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 336/2003. Provvista ta' pilloli *antacid compound preparation* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 337/2003. Provvista ta' injezzjonijiet *isosorbide dinitrate 10mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 338/2003. Provvista ta' pilloli *sodium valproate 200mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

CT 339/2003. Provvista ta' pilloli *naltrexone 50mg* - Diviżjoni tas-Saħħa.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 22nd January, 2004, for:

CT 310/2003. Supply of Cultural Heritage Inventory Management Systems (CHIMS) - Superintendence of Cultural Heritage. A fee of Lm20 will be charged for each copy of tender document.

CT 330/2003. Supply of combat suits camouflage – Armed Forces of Malta.

CT 331/2003. Supply of military footwear – Armed Forces of Malta.

CT 332/2003. Electrical and mechanical engineering works and services at the Chemistry Building Extension – University of Malta. A fee of Lm50 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 27th January, 2004, for:

